14 ta' Frar 2017
14/2017

L-ISTUDJU MILL-MDA DWAR L-INDUSTRIJA TAL-BINI MHUX SOSTITUT GĦAL STUDJU NAZZJONALI MILL-GVERN DWAR IL-PROPJETÀ

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA), filwaqt li tirrikonoxxi l-utilità tal-istudju dwar l-Industrija tal-Bini li se jsir mill-Assoċjazzjoni tal-Iżviluppaturi Maltin (MDA), tisħaq li l-Gvern u l-awtoritajiet kompetenti, inkluża l-Awtorità tal-Ippjanar, xorta għandhom jieħdu l-inizjattiva biex iniedu huma stess studju nazzjonali dwar il-propjetà, kif inhuma fid-dover li jagħmlu. Dan biex l-istudju jmur lil hinn mill-interessi li jista' jkollha xi sezzjoni partikulari tas-soċjetà Maltija, b'mod li jiġi kkunsidrat kull aspett li jeffettwa l-kwalità tal-ħajja tal-poplu kollu. B'dan il-mod biss dan l-istudju jista' jkun għodda valida għat-twettiq tal-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED), u t-tfassil u t-twettiq tal-Pjanijiet Lokali.

Il-KA tfakkar li f'Diċembru 2015, wara l-pubblikazzjoni tal-enċiklika **Laudato Si'**, kienet ippreżentat għadd ta' proposti lill-awtoritajiet ċivili u tal-Knisja bil-għan li jservu ta' pedament għat-tfassil tal-*policies* għall-ġejjieni tal-pajjiż, jekk tassew irridu l-ġid għal pajjiżna, u għal din id-dar komuni tagħna li hija d-dinja. Fost dawn kien hemm din il-proposta:

Nistiednu lill-Gvern biex jalloka fondi għal studju dwar id-domanda u l-provvista tal-propjetà f'Malta u l-ambjent ekonomiku u fiskali li jaffettwa l-propjetà. Ilu jinħass il-bżonn ta' dan l-istudju li għandu jkun wieħed tassew nazzjonali. Għandu jkun hemm konsultazzjoni pubblika dwar it-terms of reference ta' dan l-istudju u li dawn ikunu maqbula minn firxa l-iktar wiesgħa ta' stakeholders.[1]

Il-KA tenniet dan l-appell għal diversi drabi, fosthom f'ittra li hija kitbet lill-Gvern qabel id-diskors tal-Baġit 2017; iżda l-Kummissjoni baqgħet ma semgħet xejn.

Il-KA hija kemmxejn sorpriza illi ftit ġimgħat biss wara li l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Iżviluppaturi Maltin (MDA) kien iddikjara fuq programm tar-radju li studju bħal dan m'hemmx bżonnu[2], issa, l-istess MDA kkummissjonat studju li se jsir mill-KPMG biex jindirizza ftit mill-aspetti li l-KA temmen li studju bħal dan għandu jittratta.

[1] Laudato Si' – **Mid-Dokument għall-Azzjoni** - Konferenza organizzata mill-KA 4/5 ta' Diċembru 2015
[2] Recording tal-programm tista' tinstema' minn fuq: http://rtk.com.mt/mt/posts/64226/dritt-ghall-punt---16112016

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org

Il-KA temmen li l-fatt li qed isir dan l-istudju mill-KPMG hu pass pożittiv, għaliex filwaqt li wieħed ma jistax ibassar mija fil-mija dak li hemm fil-futur, tkun bluha jekk nieħdu deċiżjonijiet bl-addoċċ fi kwistjonijiet li għandhom impatt daqshekk deċiżiv fuq l-ispazju limitat ta' pajjiżna. Filwaqt li kuntrattur jew żviluppatur hu liberu jirriskja b'ġidu meta jinvesti – għax qed jagħmel dan b'ġidu u b'għażla tiegħu – pajjiżna ma jiflaħx ikompli jġorr il-piż ta' proġetti ta' kostruzzjoni rikonoxxuti falluti (jew kif qegħdin insejħulhom issa "*mhux sostenibbli*") minn min kien responsabbli għalihom.

Ladarba jidher ċar l-entużjażmu tal-Gvern għat-tnedija ta' dan l-istudju, il-KA temmen li kellu jkun hu stess, permezz tal-awtoritajiet rikonoxxuti fil-pajjiż, li jniedi dan l-istudju .

Minħabba li l-promotur tal-istudju huwa s-settur privat, hemm riskju li l-istampa aħħarija li toħroġ bħala riżultat tal-istess studju ma tkunx ħolistika biżżejjed biex jittieħdu deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali, kemm mill-Gvern kif ukoll minn entitajiet bħall-Awtorità tal-Ippjanar. Dan għas-sempliċi raġuni li l-istudju jista' jkun qed iwieġeb biss għal dak mitlub minn min ikun ikkummissjonah. Hekk jagħti x'jifhem ukoll id-diskors tat-tnedija mill-President tal-MDA, li qal li l-assoċjazzjoni xtaqet li tagħmel dan l-istudju "*sabiex nissostanzjaw dak li aħna dejjem ħsibna*"[3] kif ukoll "*se nkunu qegħdin neżaminaw l-eżitu ta' dan l-istudju, ħalli l-policies u l-proposti anke li tagħmel l-MDA fost stakeholders oħra, jkun iktar possibbli, u inti* (Prim Ministru) *tkun iktar komdu tifhem eżattament għal xiex qegħdin nipproponu ċerti policies*."[4]

L-atteġġament li wieħed diġà jaf x'ser ikunu qed juru r-riżultati ta' studju **qabel** ma dan ikun twettaq ma tantx hu awgurju sabiħ. Dan il-fenomenu (li, nagħmluha ċara, mhux xi ħaġa tal-lum) ilu jinkwieta lill-KA sa mit-twaqqif tagħha fl-2003, u kif juru l-fatti, qatt ma ddejqet tkun ċara dwar dan kull meta kien hemm bżonn. Għalhekk, hu importanti li min jinterpreta r-riżultati jagħmel dan b'mod oġġettiv u bla preġudizzji. Inkella ma jkun sewa xejn li l-istudju jkun inħadem b'mod xjentifiku u rigoruż.

Il-KA dejjem saħqet li ma tistax tibbaża l-iżvilupp ta' poplu sempliċiment fuq kemm l-ekonomija sejra tajjeb, mingħajr ma tikkunsidra il-ħtiġijiet soċjali u ambjentali kollha, u kif dawn jiġu effettwati bid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Għalhekk hija tqis perikoluż ħafna li wieħed jgħid "*irridu li dak li nagħmlu nagħmluh b'ċerta sostenibbiltà u b'ċerta responsabbiltà*"[5] waqt li jirreferi għall-industrija tal-bini bħala s-sinsla tal-ekonomija Maltija. Il-KA tistaqsi: Għaliex "**ċerta"** sostenibbiltà?

"*Li ngħixu ħajja sostenibbli m'għadhiex aktar għażla, imma hi neċessità. Ikun żball jekk nibqgħu nippromovu stili ta' ħajja jew inkella nippermettu żvilupp li jipperikolaw il-wirt komuni sabiex ma nurtawx l-interessi personali ta' xi individwi jew ta' xi gruppi partikolari*"[6]. Għalhekk "*meta wieħed joħlom li jagħmel xi ħaġa*"[7], għandu qabel xejn iżomm quddiem għajnejh il-ġid komuni, u allura l-limitazzjonijiet li għandu pajjiżna. Ma nistgħux nibqgħu nħarsu lejn

---

[3] Sandro Chetcuti, President MDA - Diskors Inawgurattiv - 13 ta' Jannar 2017.
[4] Ibid.
[5] Ibid.
[6] *Pajjiżna ma jiflaħx aktar għal żvilupp li mhux sostenibbli* – Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent **-** 15 ta' Ottubru 2013.
[7] Sandro Chetcuti, President MDA - Diskors Inawgurattiv - 13 ta' Jannar 2017.

l-industrija tal-bini bħallikieku hi l-unika industrija li qed issostni l-ekonomija ta' pajjiżna. Irridu nqisu l-impatt li t-telf ta' spazju u l-istil ta' binjiet li qed jinbnew qed iħallu fuq il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin kollha u fuq industriji oħrajn.

Għal darb'oħra, "*L-appell tal-KA hu sabiex pajjiżna jitgħallem mill-passat li ġarrab, u jimpenja ruħu sabiex ikun żgurat ġejjieni sostenibbli, fejn il-kwalità tal-ħajja ma titkejjilx mill-profitti imma mis-sens ta' ġustizzja, mir-rispett lejn il-persuni u l-ħolqien ta' madwarhom, u mis-solidarjetà li tħares lejn il-ġid ta' pajjiżna bħala l-wirt li rċevejna aħna u dawk li ġejjin warajna.*"[8]

[8] *Pajjiżna ma jiflaħx aktar għal żvilupp li mhux sostenibbli* – Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent - 15 ta' Ottubru 2013.